## Hu f'idejk u aqra ...

*Wieħed mill-għanijiet li għalihom twaqqfet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, li llum insibuha bl-isem ta' l-Akkademja tal-Malti, kien li tgħin lill-imseħbin tagħha jippublikaw xogħlijiet ta' fejda b'Malti mirqum; u dan mhux biss biex tagħti żvog lill-awturi nfushom, kienu dawn poeti, rumanziera jew drammaturgi, iżda wkoll u wisq iżjed biex bil-kitba tagħhom iservu ta' xempju ta' kif għandu jinkiteb il-Malti mirqum skond in-normi ortografiċi li kienet sawret l-Għaqda u skond l-istilistika tal-Malti idjomatiku kif intradd lilna mill-qedem.*

*Dan l-iskop l-Akkademja minn dejjem laħqitu minkejja d-diffikultajiet ta' mezzi finanzjarji, taqlib politiku u gwerra li damet sejra snin sħaħ. Biżżejjed wieħed iqalleb l-edizzjonijiet ta' l-imgħoddi biex jara b'liema ħeġġa, b'liema ħerqa u dedikazzjoni dawk ta' qabilna fittxew li joħorġu quddiem il-pubbliku xogħol li mhux biss jagħmlilna ġieħ iżda wkoll li jdawwal l-oqsma kollha tal-kittieba bil-Malti.*

*U dan mhux biss, iżda l-editorjali ta' "Il-Malti" kienu minn dejjem il-boxxla li turi d-direzzjoni. F'din ir-rivista kienu jsemmu leħinhom l-iprem nies li mexxew il-ġlieda tal-Malti biex irieġu, iħeġġu, jorqmu, jċanfru bil-ħlewwa, mhux biss lill-kittieba nfushom iżda saħansitra lill-poplu Malti kollu u lill-awtoritajiet ċivili li huma responsabbli għat-tħaris tal-Malti fil-ħajja pubblika ta' pajjiżna.*

*Għaldaqstant, huwa ta' pjaċir kbir li nerġgħu nidhru quddiem il-qarrejja tagħna b'edizzjoni oħra fuq il-linji ta' tiġdid li konna qbadna fil-ħarġa ta' qabel. F'dan il-ktejjeb għandna ħorġa ġmielha mimlija b'xogħlijiet ta' benna liema bħalha; frott il-ħila ta' nies li l-Malti mhux biss iħobbuh iżda huma mkissrin fil-kitba tiegħu tant li jistgħu jissejħu mgħallmin.*

*F'dan il-qari, bħalma wieħed jara, qegħdin nifthu l-bieb mhux biss għall-imseħbin ta' l-Akkademja iżda anke għal oħrajn li m'humiex, basta l-kitba tagħhom tkun xogħol ta' livell għoli. Għandna kitba mhux biss ta' awturi ħajjin, iżda anke ta' dawk mejtin. Għandna mhux biss kitba ta' xejra moderna iżda wkoll ta' xeħta tradizzjonali, ġaladarba din*

1/LXX 1996

UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY

# IL-MALTI

**Bord Editorjali:**

*Editur:*
Is-Sur Achille Mizzi

*Membri:*
Is-Sur A. Agius Muscat
Is-Sur J.J. Camilleri
Is-Sur Toni Cortis
Is-Sur Frans Sammut

*Nota:* Il-Bord Editorjali kif jidher hawn fuq ħatru l-Kunsill fil-11 ta' Diċembru 1995 meta dan il-għadd ta' "Il-Malti" kien diġa lest.

© *Copyright*
Akkademja tal-Malti

*Il-Qoxra:* Inċiżjoni ta' Austin Camilleri—1996

Mitbugħ fl-Istamperija ta' l-Università l-Imsida, 1996

*ikun fiha siwi. Inħalli għalikom taraw jekk dan l-għadd hux kif qegħdin ngħidu aħna, imħawwar u mimli daqs bajda b'kitba li terfa' l-Malti mill-medjokrità li dejjem għajruh biha.*

*F'din il-ħarġa, għandna n-novella "In-Naska" ta' Frans Sammut. Naħseb li Sammut m'għandux bżonn tifħir f'din il-kolonna għax kulħadd jafu bħala wieħed mill-isħaħ plieri fil-kitba tal-proża. Madankollu wieħed ma jistax ma jgħidx li din in-novella tissodisfa l-aspetti kollha tan-novella kif nafuha fil-Malti, jew tan-*novella *fit-Taljan, tal-*conte, u n-nouvelle *Franċiż, tax-short Ingliża.*

*Għandna wkoll poeżija ta' Ġorġ Żammit jisimha "Osanna". Bħal dik li konna ppublikajna fl-għadd ta' qabel, din hija waħda mill-poeżiji postumi ta' Ġorġ Żammit. Dan jixhed li l-ġieħ lill-awturi stabbiliti qed nagħtuhulhom mhux biss f'ħajjithom iżda wkoll wara mewthom, billi nxandru kitbiet li ma laħqux ippubblikaw f'ħajjithom.*

*Imbagħad għandna xogħlijiet ta' poeti kontemporanji li huma stabbiliti bħal Ġorġ Borġ, Lillian Sciberras, Doreen Micallef u Albert Marshall li, għal min għadu ma jafx, reġa' lura magħna mill-Awstralja, u qed jissokta fil-ħidma tiegħu favur il-Malti, bħala kap tax-Xandir fir-Radju ta' l-Università, fejn nixtiqulu suċċess.*

*Irridu wkoll nifħu l-bibien anke għal awturi li għalkemm m'humiex daqstant magħrufa huwa xieraq li wieħed ixandar isimhom. Dan huwa l-każ tal-poeta Carmel Calleja li diġà' ħareġ għad-dawl ġabra ta' poeżiji msejħa "Karovana".*

*Ta' Ġorġ Peresso, xandar kreattiv u kittieb tajjeb ta' proża u poeżija, għandna studju dwar San Ġwann Tas-Salib. Ma tistax il-letteratura Maltija tistagħna jekk ma nżommux quddiem għajnejna awturi barranin li kellhom influwenza qawwija fuq il-letteratura internazzjonali.*

*Ta' Daniel Massa għandna s-saġġ kritiku dwar "Ħmura tas-Silla" ta' Lino Spiteri. Il-kitba kritika ta' Massa mhix xi ħaġa li taqraha bil-ġiri bħala passatemp għaliex fiha profondità ta' ħsieb u ħila analitika mill-aqwa. M'hemmx dubju li isem Daniel Massa għad jibqa' marbut mal-kritika daqskemm mal-poeżija.*

*Għaldaqstant, wara li qanqalt l-aptit tal-qarrejja ta' din ir-rivista, ma baqagħli xejn xi nżid ħlief li nirrepeti l-famuża frażi "Ħu f'idejk u aqra".*



## WERREJ

EDITORJAL i

FRANS SAMMUT
*In-Naska* 1

GORG ZAMMIT
*Osanna* 9

CARMEL CALLEJA
*Ewnuki* 10
*Is-Sewwa* 10
*Sagrifiċċju* 10
*Talba* 11
*Ilma* 11
*Fir-Raqda Ħadra* 11

ĠORĠ BORG
*Arzella ċkejkna* 12
*Niġi Lura* 12

DOREEN MICALLEF C.
*Dal-ġranet twal mingħajrek ... philip* 13

ALBERT MARSHALL
*Imramma* 14

ĠORĠ PERESSO
*S. Ġwann tas-Salib* 15

LILLIAN SCIBERRAS
*Raqdet il-Belt* 18

DANIEL MASSA
*Saġġ dwar "Mal-Ħmura tas-Silla" ta' Lino Spiteri* 19